# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 661/2015

Numru fuq il-Lista:

**GO p.l.c.**
(C22334)

**vs.**

**Camilleri Rita**
K.I. 193070(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 t'Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' elf, mitejn u wieħed u tletin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1231.65), liema

ammont huwa in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack 42 bl-akkont numru A/C40146077, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ elf, mitejn u wieħed u tletin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1231.65), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta’ Jannar 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 23/15, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra iffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur